MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 637/2011

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Nazanin Tasbiti [K.I. Nru. 56158A]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tlett elef tlett mija erbgha u erbghin euro u tnejn u tmenin centezmu ta’ euro (€3344.82) liema ammont jirrapprezenta ammont dovut lis-socjeta attrici mill-konvenut in konnessjoni ma servizzi rezi (AC 51030699 u 51031140).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li

nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-23 ta' Marzu, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-23 ta' Marzu, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra d-dokumentazzjoni esebita mill-istess socjeta attrici, u cioe d-dokumenti A1 (prospett tal-kont numru AC51030699), B (prospett tal-kont numru 51031140), C 1 u C2 (agreement penalty), D (kuntratt), E (Estratt mir-Registru Elettorali), F (ittra ufficjali numru 4191/10) u G (traduzzjoni tat-talba).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef tlett mija erbgha u erbghin euro u tnejn u tmenin centezmu ta' euro (€3344.82), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Novembru, 2010.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------